# Għanjiet Ferrieħa

## Leli l-lapes

**Joan Bugeja**

Leli l-lapes hu speċjali,
Waħdu jpinġi, kif spjegali?

Darba pinġa ġmiel ta' lanġasa,
u larinġa b'maktur ma' rasha.

Imma l-isbaħ meta pinġa,
lumija żgħira safra qarsa.

Leli l-lapes huwa maġiku,
Lewnu isfar bħal-lellux.
Huwa twil bil-ponta soda,
Kulħadd jgħid kemm hu gustuż.

**Ġoġo l-ġurdien**

**Joan Bugeja**

Ġoġo l-ġurdien,
Kien jgħix ġewwa ġnien,
Jistaħba ġol-ġebel
U jbeżża' lin-nemel.

Darba qabdu l-ġuħ
Beda jxomm riħa tfuħ
Mar ġera lejn il-kċina
Għal ġobna tat-tursina.

Wara ġiet ġurdiena,
Jisimha Ġiġina
B'beritta ġo rasha
Biex Ġoġo jagħti kasha.

Ġoġo sab peprina
U taha lil Ġiġina,
Ħbieb kbar huma saru,
Bl-imħabba huma faru.

**Il-Pustier**

**Josephine Sammut**

Kull filgħodu ta' kuljum, il-pustier imur idur,
Jiġbor l-ittri ta' kulħadd, tal-viċin u dawk tal-bogħod.

Wara jiġi bil-mutur, f'kull bieb jieqaf l-ittri jrodd,
U jekk ikollok xi pakkett, il-qanpiena tisma' ddoqq.

Xemx u xita jiġi xorta, jaqdi dmiru bla tgergir,
Grazzi kbira u minn qalbna, ngħidu aħna lill-pustier!

**Kemm Nixtieq**

**Joan Bugeja**

Kemm nixtieq li kont pilota,
Biex insuq xi ajruplan.
Jew inkella pulizija,
Jew għalliem ngħallem lit-tfal.

Imma jiena tifel ċkejken,
Niġri u nilgħab ġol-iskola,
Issa mela rrid nistudja,
Biex la nikber insir pilota!

**In-Nannakola**

M.V. Vassallo

Jiena dħalt fil-ġnien ta' Kola
Hemmhekk rajt lin-nannakola
Ħamra, ħamra, b'tikek suwed
Timxi, taqbeż, ittir u togħla

Tgħidx kemm fraħt xħin ġiet fuq idi
U minn hemm taret fuq sidi
Sidi Pawlu ra lil Kola
U fil-ġnien huwa mar poġġa
Dik il-ħelwa nannakola.

**Xemx u Xita**

**Rita Gatt**

Ta’ kull filgħodu titla’ x-xemx...titla’ x-xemx, titla’ x-xemx
Ta’ kull filgħodu titla’ x-xemx...fis-smewwiet...

Is-siġar jikbru sbieħ fix-xemx...sbieħ fix-xemx, sbieħ fix-xemx
Is-siġar jikbru sbieħ fix-xemx...ġo dal-ġnien...

Bix-xemx ikollna fjuri sbieħ...fjuri sbieħ, fjuri sbieħ
Bix-xemx ikollna fjuri sbieħ...ġo dal-ġnien...

Kultant xi sħaba tgħatti x-xemx...tgħatti x-xemx, tgħatti x-xemx
Kultant xi sħaba tgħatti x-xemx...u tibda nieżla x-xita...

U jibda joħroġ il-bebbux...il-bebbux, il-bebbux
U jibda joħroġ il-bebbux...u jiekol il-ħaxix...

Ftit ħin wara tfiġġ ix-xemx...tfiġġ ix-xemx, tfiġġ ix-xemx
Ftit ħin wara tfiġġ ix-xemx...fis-smewwiet...

U hemm trid tara l-qawsalla...il-qawsalla, il-qawsalla
U hemm trid tara l-qawsalla...kollha lwien...

Grazzi kbira lill-Bambin...lill-Bambin, lill-Bambin
Grazzi kbira lill-Bambin...tal-ħolqien! lalalalalal...ċapċip...lalalala

**Strixxi Bojod...Strixxi Suwed...Oqgħod Attent**

**Rita Gatt**

Strixxi bojod strixxi suwed...hemm fit-toroq għal kulħadd
Qabel naqsmu nersqu lejhom...u naraw hux ġej xi ħadd

Do re mi fa fa fa do re mi fa fa fa do re mi fa so la si do

Ikun hemm sinjali oħra...bozoz kbar ikkuluriti
Ħodor, ħomor il-kuluri...huma l-aktar favoriti

Do re mi fa fa fa do re mi fa fa fa do re mi fa so la si do

Żomm idejn ma' min tkun taqsam...tiġrix waħdek hekk bl-addoċċ
Tista' taqa' u tweġġa' sewwa...jew joħroġlok il-papoċċ

Do re mi fa fa fa do re mi fa fa fa do re mi fa so la si do

Jekk ir-rota nkunu nsuqu...ma ninsewx li l-elmu nilbsu
Inħarsu sew fejn qed insuqu...minn xi waqgħa żgur neħilsu

Do re mi fa fa fa do re mi fa fa fa do re mi fa so la si do...ċapċip

**L-Għaġina tal-Kulur**

**Rita Gatt**

Dan il-ktieb mimli bl-istampi...mimli b'ħafna ideat sbieħ

Tista' tagħmel ġugarelli...Weraq sbieħ u anki tuffieħ

RIT: Kieku kelli...għaġina tal-kulur...kont nifforma xi ftit fjur

Do re mi fa fa fa do re mi fa fa fa do re mi fa so la si do

Kulma trid tuża ftit moħħok...tagħmel ħafna affarijiet

Xi ġelat jew ħuta ħamra...gallettini u kejkijiet

RIT: Kieku kelli...għaġina tal-kulur...kont nifforma xi ftit fjur

Do re mi fa fa fa do re mi fa fa fa do re mi fa so la si do

Mela pprova, taqtax qalbek...ejja nagħmlu xi żarbun

Jew inkella nannakola...frott u anki xi vażun

RIT: Kieku kelli...għaġina tal-kulur...kont nifforma xi ftit fjur

Do re mi fa fa fa do re mi fa fa fa do re mi fa so la si do

**Il-Kuluri**

**Rita Gatt**

Libsa ħamra tal-bellus, tal-bellus, tal-bellus
Libsa ħamra tal-bellus...tgħidx kemm qamitli flus

Siġra ħadra kollha weraq, kollha weraq, kollha weraq
Siġra ħadra kollha weraq...tagħti frott bil-meraq

Baħar ikħal u sabiħ, ikħal sabiħ, ikħal sabiħ
Baħar ikħal u sabiħ, kemm inħobb ngħum ġo fih

Fjuri sbieħ bħal dawk tax-xemx, dawk tax-xemx, dawk tax-xemx
Fjuri sbieħ bħal dawk tax-xemx...u isbaħ minnhom m'hemmx

Il-qawsalla bil-kuluri, bil-kuluri, bil-kuluri
Il-qawsalla bil-kuluri...tneħħi żgur il-buri

Mel'ejjew ngħidu lkoll flimkien, ilkoll flimkien, ilkoll flimkien
Mel'ejjew ngħidu lkoll flimkien...EVVIVA L-KULURI!
La la la la la la la la la la la la la la la la la la la la...ċapċip

**Piċu Piċu**

**Omar Seguna**

| | |
|---|---|
| Piċu Piċu<br>Ejja ħdejja<br>Kemm inħobbok<br>Ersaq lejja.<br><br>X'għandek, x'għandek<br>Kemm int kwiet?<br>Dan kif wiċċek<br>Issa swied?<br><br>*M'għamilt xejn*<br>*Bravu qgħadt*<br>*Hekk kif rajtek*<br>*X'qatgħa ħadt!* | Pastaż pastaż,<br>Jaqaw x'għamilt?<br>M'intix bravu<br>Dan kif tħammiġt?<br><br>Ara ara<br>Dak il-qalziet<br>Maħmuġ sarlek<br>Fuq it-tarġiet.<br><br><br>*M'għamilt xejn*<br>*Bravu qgħadt*<br>*Hekk kif rajtek*<br>*X'qatgħa ħadt!* |

**Il-Pupu tiegħi**

**Omar Seguna**

Illum m'għadnix aktar waħdi.
Dal-pupu żgħir qisu ħija.
U dejjem ħdejja nilagħbu.
Jien naħseb fih. Hu le fija.

Bilkemm jitħarrek mis-sodda,
Jekk l-iskola jien immur.
Iżd'hekk kif jien nasal lura,
Tarah jilgħab, jogħla, idur.

Tahuli għal għeluq żmieni.
Festin ċkejken kellna d-dar.
Għalkemm qlajt bosta rigali,
Il-favorit tiegħi sar.

Inkellmu qatt ma jkellimni.
Kulma ngħid jaqbel miegħi.
Għalhekk jien għandi wkoll bosta,
Ħbieb vera fil-klassi tiegħi.

**Il-Kostum tiegħi**

**Maria Attard**

Jiena għandi kostum sabiħ,
Tgħidx kemm niġri barra bih,
Niġri 'l hemm u niġri 'l hawn,
Biex indaħħaq lil kulħadd.

Daqqa nilbes ta' pirata,
Ħa nkun l-isbaħ maskarata.
Daqqa nilbes ta' spiżjar,
Jew inkella ta' ners fi sptar.

Iżda l-isbaħ hija l-maskra,
Li żejjint jien b'dawk l-ilwien.
Tgħidx kemm nieħu gost,
Għax ħadd ma jagħraf jien min jien!
Viva l-Karnival!